“GĦARFUH FIL-QSIM TAL-ĦOBŻ”

Luqa 24:35

Pjan Pastorali Djoċesan
2026-2027

DJOĊESI TA GĦAWDEX

Matul din is-Sena Pastorali, bħala Knisja f'Għawdex aħna mistiedna nsaħħu l-għarfien tal-Ewkaristija bħala laqgħa vera ma' Kristu, billi nagħmlu mill-quddiesa esperjenza umana u spiritwali pożittiva, hekk li nitħeġġu fil-parteċipazzjoni attiva, fidila u ferħana fil-Quddiesa tal-Ħadd, speċjalment fost l-adolexxenti, iż-żgħażagħ u l-familji tagħna.

Dan li ġej hu qafas ta' proposti suġġeriti għal matul din is-Sena fuq livell djoċesan jew parrokkjali.

1 L-Ewkaristija mifhuma u parteċipata

SETTEMBRU – NOVEMBRU 2026

Għanijiet
- Tingħata aktar importanza lis-sens ta' appartenenza fil-komunità.
- Ngħinu biex nifhmu l-istruttura u s-sinifikat tal-Quddiesa.
- Inqanqlu mill-ġdid is-sens tal-Ħadd bħala "Jum il-Mulej".
- Inħeġġu parteċipazzjoni aktar konxja u mhux biss minn drawwa.
- Niffurmaw gruppi żgħar stabbli.

Liturġija
- "L-importanza ta' Jum il-Mulej": introduzzjonijiet qosra qabel il-Quddiesa.
- Aktar involviment attiv ta' nies ġodda.
- Quddiesa u Barka speċjali fil-bidu tas-Sena Pastorali.

Katekeżi
- Kors: "Nifhmu l-Quddiesa pass pass".
- Laqgħat dwar l-Ewkaristija skont l-età.
- Tqassim ta' ktejjeb dwar il-Quddiesa lill-familji kollha.

Djakonija
- Bidu ta' servizzi żgħar fil-komunità (ġbir ta' ikel).
- Involviment taż-żgħażagħ fil-volontarjat lokali.

Inizjattivi konkreti
- "Ħadd flimkien" b'attivitajiet komunitarji.
- Xhieda ta' persuni dwar kif reġgħu skoprew il-Quddiesa.
- Ħolqien ta' gruppi parrokkjali fuq WhatsApp/Messenger.

Mument ewlieni: Festa ta' Kristu Re tal-Univers.

2 L-Ewkaristija preżenza mistennija u ċċelebrata

DIĊEMBRU – JANNAR
2026 2027

Għanijiet
- Rabta bejn il-misteru tal-Ewkaristija u l-misteru tal-Inkarnazzjoni.
- Rabta bejn l-istennija bħala tħejjija esterjuri u bħala stennija interjuri.
- Nifhmu l-Quddiesa bħala twelid u Preżenza vera ta' Kristu.
- Inħeġġu l-parteċipazzjoni wkoll fi ġranet oħra, speċjalment fin-Novena tal-Milied.

Liturġija
- Velja tal-Avvent għaż-żgħażagħ – mixja fit-tard mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.
- Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa "Rorate".
- Novena tal-Milied mibnija fuq il-proċess li bih isir il-ħobż, organizzata mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ, u Novena oħra organizzata mill-familji żgħar u t-tfal tal-katekiżmu.

Katekeżi
- It-tema: "Alla jsir ħobż għalina" tiġi ttrattata fil-laqgħat kollha mal-gruppi.
- Lectio Divina fil-parroċċi kollha, fuq l-Inkarnazzjoni, id-Don, u l-Preżenza.

Djakonija
- Inizjattiva: "Milied għal kulħadd".
- Żjarat lil familji fil-bżonn.
- Ġbir ta' rigali għat-tfal.

Inizjattivi oħra
- Presepju ħaj bl-involviment tal-adolexxenti.
- Maxtura forma ta' altar biex turi lit-tfal u l-adolexxenti li Ġesù jitwieled f'kull quddiesa.
- Ikla ta' solidarjetà mħejjija miż-żgħażagħ għall-familji.
- Għoti tar-rigali lit-tfal u lill-familji f'rabta mar-rigal kbir tal-Ewkaristija, f'kuntest ta' Adorazzjoni jew Quddiesa.
- Talba bit-tema tal-Ewkaristija li tingħata lill-familji biex tingħad quddiem il-presepju darba fil-ġimgħa, il-familja kollha flimkien.

Mument ewlieni: In-Novena u l-Quddiesa tal-Milied.

3 L-Ewkaristija għotja li tagħti l-ħajja

FRAR – MARZU 2027

Għanijiet
- Nifhmu r-rabta bejn l-Ewkaristija u s-Sagrifiċċju ta' Kristu fuq il-Kalvarju.
- Inħeġġu lill-Insara għall-konverżjoni personali.
- Nedukaw għall-parteċipazzjoni sħiħa fil-Quddiesa, l-Eżerċizzi tar-Randan u t-Tridu tal-Għid.
- Ngħaddu mill-pożizzjoni ta' spettaturi għall-pożizzjoni ta' protagonisti fil-fidi.

Liturġija
- Adorazzjoni Ewkaristika aktar frekwenti, tista' tkun marbuta mas-sagrament tal-Qrar.
- Via Crucis immexxija miż-żgħażagħ u l-familji.
- Via Crucis quddiem l-Ewkaristija.
- Tħejjija attiva għat-Tridu tal-Għid.

Katekeżi
- Tema: "Dan hu Ġismi li jingħata għalikom".
- Programmi għall-Adolexxenti: simboli tal-Passjoni; għaż-Żgħażagħ: is-sens tas-sagrifiċċju llum; u għall-Familji: kif ngħixu l-għotja fid-dar.

Djakonija
- Sawm solidali (ġbir ta' fondi).
- Servizz konkret lill-foqra.
- Esperjenzi ta' volontarjat fil-lokalità, mal-anzjani u persuni waħedhom fid-djar, l-isptar, u fid-djar tal-anzjani.

Inizjattivi konkreti
- Formazzjoni lis-saċerdoti dwar il-Quddiesa.
- Miġja tal-istatwa tar-Redentur tal-Isla u Pellegrinaġġ fl-Ewwel Ħadd tar-Randan.
- Ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fid-djar tal-morda mis-saċerdoti tal-Parroċċa bl-għoti tad-Dilka tal-Morda.
- Ċelebrazzjoni tal-Qrar u Quddies fil-bars, każini u postijiet tax-xogħol.
- Qrar komunitarju bl-adorazzjoni animata.
- Eżerċizzi b'differenza: saċerdoti u lajċi membri tal-Għaqdiet disponibbli li jżuru d-djar u familji żgħar jew fejn hemm iż-żgħażagħ.

Mument ewlieni: L-Eżerċizzi Spiritwali u l-Ġimgħa Mqaddsa.

4 L-Ewkaristija Kristu ħaj fostna

APRIL – MEJJU 2027

Għanijiet
- Ngħixu l-Ewkaristija bħala laqgħa ma' Kristu Rxoxt.
- Nesprimu l-ferħ tal-fidi.
- Insaħħu l-parteċipazzjoni fil-Quddiesa tal-Ħadd.
- Insaħħu s-sens missjunarju.

Liturġija
- Importanza lis-Sagramenti, speċjalment tal-Magħmudija.
- Quddies animat miż-żgħażagħ.
- Ċelebrazzjonijiet tas-Sagramenti tal-Ewkaristija u tal-Konfirmazzjoni.
- Tberik tal-familji.

Katekeżi
- Tema: "Nagħrfu lil Ġesù ħaj fl-Ewkaristija".
- Katekeżi fuq id-dixxipli ta' Għemmmaws u l-Irxoxt fil-ħajja ta' kuljum.

Djakonija
- Żjarat lil familji li tbiegħdu mill-Knisja.

Inizjattivi konkreti
- Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija u tal-Konfirmazzjon; tas-Sagrament taż-Żwieġ, tal-Konsagrazzjoni, tal-Ordinazzjoni Saċerdotali.
- Ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina u tal-Konfirmazzjoni.
- Ċelebrazzjoni komunitarja tas-Sagrament tal-Morda.
- Pellegrinaġġ għaż-żgħażagħ u l-familji.
- Ċelebrazzjoni għat-tfal u l-familji li għamlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena.

Mument ewlieni: Il-Velja ta' Għid il-Ħamsin, bis-sehem tal-kantawtur Fr Rob Galea.


5 L-Ewkaristija għajn tal-Ħajja ta' Dejjem

ĠUNJU – AWWISSU
2027

Għanijiet
- Nirriflettu fuq is-sena li għaddiet.
- Nirringrazzjaw u niċċelebraw.
- Nagħmlu l-parteċipazzjoni fil-Quddiesa aktar stabbli.
- Niffurmaw mexxejja żgħażagħ Nsara.

Liturġija
- Ċelebrazzjoni tal-għeluq tas-Sena Pastorali permezz tal-festi patronali.
- Adorazzjoni Ewkaristika fil-bidu u matul il-festi patronali.

Katekeżi
- Evalwazzjoni tal-mixja.
- Xhieda ta' bidla fil-ħajja.



Djakonija
- Kampijiet tas-sajf b'servizz.
- Attivitajiet edukattivi għat-tfal u l-familji.

Inizjattivi konkreti
- Serati ta' xhieda.
- Festa finali tal-komunità.
- Importanza lill-Quddiesa tal-Ħadd fil-prietki tan-Novena jew tħejjija għall-Festa.
- Adorazzjoni qabel ma tibda u waqt il-ġranet tal-Festa.
- Safar għaż-żgħażagħ (spiritwalità u servizz).

Mument ewlieni: Il-Festi Patronali.

www.churchingozo.mt
www.facebook.com/gozodiocese